IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2018
COM(2018) 400 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Semestru Ewropew 2018 - Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

MT MT

1. DAĦLA

Is-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ta' kull sena jipprovdu gwida għar-riformi nazzjonali. F'Novembru li għadda, fil-bidu taċ-ċiklu tal-2018, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ([1]) identifika l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għas-sena li kienet ġejja. Dan enfasizza li t-"trijanglu virtwuż" ta' spinta lill-investiment, ħidma fuq riformi strutturali u l-iżgurar ta' politiki fiskali responsabbli kien qed jagħti l-frott. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ta' din is-sena jkomplu jirriflettu dawn il-prijoritajiet ta' politika ewlenin filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni favorevoli ekonomika u soċjali. Ir-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([2]) adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Mejju 2018 wkoll ipprovdiet direzzjoni ċara fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi kkonċernati kollha.

L-ekonomija Ewropea qed tikber bl-iktar pass mgħaġġel f'deċennju, appoġġata minn okkupazzjoni rekord, investiment li qed jirkupra, u finanzi pubbliċi mtejbin. Il-kundizzjonijiet favorevoli li hemm bħalissa fetħu tieqa ta' opportunità biex l-ekonomiji Ewropej jissaħħu u jsiru iktar reżiljenti. Issa l-Istati Membri kollha għajr wieħed huma taħt il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-2018 tal-Kummissjoni, it-tkabbir se jkompli b'pass sod iżda ftit iktar bil-mod, filwaqt li l-volatilità tas-swieq finanzjarji u l-protezzjoniżmu kummerċjali kulma jmur qed ikunu ta' riskju għall-espansjoni ekonomika. Dawn l-iżviluppi jfakkruna li ma hemmx lok għall-kompjaċenza: issa huwa l-waqt li nippreparaw lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha għall-isfidi tal-ġejjieni.

Kif saħaq il-Presdient Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017: l-Ewropa għandha bżonn issewwi s-saqaf tagħha sakemm għadu bnazzi. Il-proposti tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2018 huma intiżi li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-prospettiva ekonomika pożittiva u li jiggwidaw lill-Istati Membri huma u jaħdmu favur ir-riformi strutturali u politiki fiskali sodi meħtieġa. Huma u jkomplu fuq ix-xejriet pożittivi reċenti, għandhom jitkomplew l-isforzi favur il-konverġenza ekonomika u soċjali bejn l-Istati Membri u fl-Istati Membri stess. Filwaqt li l-indirizzar tal-effetti tal-kriżi u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi għadhom prijorità f'bosta pajjiżi, ir-rakkomandazzjonijiet proposti jfittxu li jippromwovu approċċ li jħares iktar 'il quddiem u jfittxu li jibnu l-bażi għat-tkabbir sostenibbli, inklużiv u fit-tul. Fl-istess ħin, dawn iħeġġu t-tlestija tar-riformi li jindirizzaw il-vulnerabbiltà u l-adattabilità għax-xokkijiet, minħabba li dawn huma essenzjali biex jiġi evitat tnaqqis fir-ritmu ekonomiku f'salt fil-ġejjieni.

Ir-rakkomandazzjonijiet jibnu fuq l-analiżi komprensiva ppreżentata fl-aħħar rapporti tal-pajjiżi, li jenfasizzaw bosta sfidi għat-tkabbir fit-tul. L-Ewropa għandha bżonn li taħdem fuq riformi strutturali li jtejbu l-ambjent tan-negozju u li jipprovdu kundizzjonijiet li jippermettu li jsir l-investiment, partikolarment permezz ta' riformi tas-swieq tal-prodotti u s-servizzi, tat-trawwim tal-innovazzjoni, tat-titjib tal-aċċess għal finanzjament minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet pubbliċi b'rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-Ewropa għandha bżonn ukoll tippromwovi riformi biex il-forza tax-xogħol tagħha titħejja għall-ġejjieni u għad-diġitalizzazzjoni li se tiżdied, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu u biex jitrawmu l-opportunitajiet ta' xogħol, partikolarment għaż-żgħażagħ. L-aħħar u mhux l-inqas, l-Ewropa teħtieġ riformi li jsaħħu r-reżiljenza ekonomika tagħha fir-rigward tal-isfidi fit-tul, bħax-xejriet demografiċi, il-migrazzjoni, id-

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018, COM(2017) 690 final.

[2] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, 14 ta' Mejju 2018.

dekarbonizzazzjoni u l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali. Huma biss l-ekonomiji reżiljenti li jistgħu jiżguraw il-konverġenza ekonomika fit-tul u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali.

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ta' din is-sena jagħtu attenzjoni speċjali għall-isfidi tas-soċjetà, billi jibnu fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali proklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017([3]) Il-Pilastru huwa mfassal bħala boxxla għal proċess imġedded ta' konverġenza 'l fuq favur kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol u tal-għajxien fl-Unjoni Ewropea, li jappoġġa il-produttività u li jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Is-Semestru Ewropew joffri lill-Istati Membri opportunità biex irawmu u jirrapportaw il-progress fit-twettiq tal-Pilastru. Fuq dan l-isfond, u b'konsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi nazzjonali, il-Kummissjoni riċentement stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu prijoritajiet u azzjonijiet imġedda fil-livell nazzjonali, permezz tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom([4]). Ir-rakkomandazzjonijiet proposti jappoġġaw dan il-proċess u jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex javvanzaw ir-riformi nazzjonali li jindirizzaw it-tliet dimensjonijiet tal-Pilastru: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, hemm enfasi partikolari fuq l-għoti ta' ħiliet adegwati, xbieki ta' sikurezza effettivi u adegwati, u djalogu soċjali mtejjeb biex jiġu żgurati riżultati sostenibbli.

Tul il-mandat ta' din il-Kummissjoni, is-Semestru Ewropew ġie ssimplifikat u sar iktar inklużiv, għax il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex issaħħaħ is-sjieda u l-implimentazzjoni nazzjonali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Il-Kummissjoni ħadet għadd ta' miżuri biex tiżgura li l-proċess ikun iktar sempliċi, li r-rakkomandazzjonijiet ikunu iktar relevanti u ffukati, li s-sisien analitiċi tagħhom ikunu iktar robusti u li l-opportunitajiet għad-djalogu jissaħħu. Il-miżuri li ttieħdu jinkludu t-twaqqif ta' netwerk ta' uffiċjali tas-Semestru Ewropew ibbażati fl-Istati Membri, kuntatti miżjuda u iktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni u fil-livell politiku, kemm fi Brussell kif ukoll fl-Istati Membri, kif ukoll djalogu inklużiv mal-imsieħba soċjali u l-partijiet ikkonċernati. Minn meta ġew ippubblikati l-aħħar rapporti tal-pajjiżi, saru laqgħat konsultattivi mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn madwar l-Ewropa biex jiġi diskuss kif l-isfidi ewlenin identifikati fir-rapporti jistgħu jissarrfu f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Il-Kummissjoni kompliet ukoll il-prassi tagħha li tikkonsulta l-Istati Membri dwar il-biċċiet analitiċi tar-rapporti dwar il-pajjiżi qabel jiġu ppubblikati. Minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, ir-rekord tal-Istati Membri juri li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ma tilħaqx l-aspettattivi.

Biex tagħti aktar appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi maqbula, il-Kummissjoni qed tipproponi sett ta' għodod baġitarji msaħħin. Mill-2015, il-Kummissjoni qed tipprovdi għajnuna teknika permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali biex ittejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi li jsaħħu t-tkabbir fl-Istati Membri. Mindu tnieda l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, it-talbiet għall-appoġġ mill-Istati Membri qabżu sew l-ammont ta' finanzjament disponibbli għaċ-ċikli annwali. Fl-2017, 24 Stat Membru daħħlu talbiet għall-appoġġ, u parti predominanti mill-proġetti magħżula għall-finanzjament tindirizza sfidi identifikati fis-Semestru Ewropew ([5]).

[3] Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali, 17 ta' Novembru 2017.

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM(2018)130 final.

[5] Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali – Programm ta' Ħidma għall-2018.

Fil-proposti tagħha dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tas-6 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni tkellmet favur it-tisħiħ ta' din l-appoġġ tekniku, u ppreżentat għodda pilota biex titwettaq ir-riforma li toffri lill-Istati Membri possibbiltajiet ġodda għall-appoġġ finanzjarju ([6]). Hi u tibni fuq dawn l-inizjattivi, fil-bidu ta' Ġunju l-Kummissjoni se tippreżenta strument ġdid issimplifikat għall-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020 li se jipprovdi appoġġ kemm tekniku kif ukoll finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma nazzjonali sabiex tkompli tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

2. PROGRESS GLOBALI FIR-RIFORMI U FIL-KORREZZJONI TAL-IŻBILANĊI

L-ambjent ekonomiku preżenti jipprovdi tieqa ta' opportunità favorevoli biex tiżdied l-implimentazzjoni tar-riformi. Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, ittieħdu għadd ta' passi biex jinbena kunsens madwar l-isfidi ekonomiċi u soċjali ewlenin, biex tiżdied is-sjieda nazzjonali tal-aġenda ta' riforma u biex jittejjeb ir-rekord ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Kif imfakkar iktar 'il fuq, dawn il-passi jinkludu l-intensifikazzjoni tad-djalogu ta' politika fuq bosta livelli qabel ma l-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet, is-simplifikazzjoni tal-għadd ta' rakkomandazzjonijiet, iffukar fuq passi ta' riforma li jistgħu jiġu implimentati fi żmien 12 sa 18-il xahar, li l-azzjonijiet ta' politika rrakkomandati jsiru inqas preskrittivi u li jkun hemm komunikazzjoni iktar trasparenti ta' kif il-progress tar-riforma jiġi vvalutat.

Minkejja sforzi bħal dawn, l-implimentazzjoni tar-riformi li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mxiet bil-mod u ma kinitx sodisfaċenti tul l-oqsma ta' politika kollha. Issa li ssuperajna sew il-kriżi ekonomika, hemm ir-riskju li l-isforzi ta' riforma jistgħu jbattu iktar u l-bidu u l-implimentazzjoni ta' riformi kumplessi jistgħu jiġu ttardjati waqt li l-pressjoni esterna tbatti. Iżda minflok, l-Istati Membri jridu jerġgħu jqabbdu x-xrara tal-impenn tagħhom li jsaħħu s-sisien u r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom, mhux l-inqas minħabba li l-esperjenza wriet li r-riformi importanti li jħallu impatti tanġibbli u pożittivi fuq it-tkabbir u l-impjiegi jeħtieġu ż-żmien u r-rieda biex jiġu implimentati għalkollox.

Mill-konċepiment tas-Semestru Ewropew fl-2011, iktar minn żewġ terzi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ġew implimentati b'tal-anqas "*xi progress*" (Illustrazzjoni 1). Il-valutazzjoni pluriennali tar-rakkomandazzjonijiet hija iktar pożittiva mill-valutazzjoni tal-progress sena b'sena (ara l-Illustrazzjoni 2), li tikkonferma li r-riformi importanti eventwalment qegħdin isiru, għalkemm f'bosta każi l-proċess jieħu l-ħin. Il-ħeffa differenti tal-implimentazzjoni spiss tirrifletti l-urġenza li jsir progress f'oqsma speċifiċi, iżda turi wkoll il-ħtieġa tal-bini ta' kunsens, partikolarment meta l-benefiċċji tar-riforma mhumiex imxerrdin b'mod uniformi. Pereżempju, l-oqsma li fihom l-Istati Membri għamlu l-iktar progress kienu s-servizzi finanzjarji, il-politika fiskali u l-governanza fiskali, li jirriflettu l-prijorità li ngħatat għall-istabbilizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi u tas-settur finanzjarju b'risposta għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, li kienet teħtieġ azzjoni politika determinata. Fl-istess vena, il-passi biex jiġi promoss il-ħolqien tax-xogħol b'kuntratti permanenti u biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol huma riflessi fir-rekord ta' implimentazzjoni sod tar-rakkomandazzjonijiet relevanti. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri għadhom ma indirizzawx għalkollox in-nuqqasijiet fir-reġimi tat-taxxa, bħal bażijiet taxxabbli dojoq. Barra minn hekk, hemm lok għal iktar azzjoni li tindirizza l-kura tas-saħħa u dik fit-tul.

[6] Bidliet iffukati fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni biex jiġu mmobilizzati fondi b'appoġġ għar-riformi nazzjonali, COM(2017) 826 final.

Ir-riformi f'dan il-qasam għandhom ħabta jdumu, minħabba d-daqs tal-isfidi involuti u l-impatti potenzjali fuq l-istrutturi amministrattivi (Illustrazzjoni 3).

Illustrazzjoni 1: Il-livell attwali tal-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2011-2017 (valutazzjoni pluriennali)



Nota: Il-valutazzjoni pluriennali tħares lejn l-implimentazzjoni miż-żmien li fih ir-rakkomandazzjonijiet l-ewwel li ġew adottati sal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni f'Mejju 2018. Il-valutazzjoni globali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-politika fiskali tinkludi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Illustrazzjoni 2: Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: valutazzjoni annwali f'kull sena konsekuttiva mill-2011 fil-konfront tal-implimentazzjoni sa issa



Nota: Il-valutazzjoni pluriennali tħares lejn l-implimentazzjoni miż-żmien li fih ir-rakkomandazzjonijiet l-ewwel li ġew adottati sal-pubblikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni f'Mejju 2018. Għas-snin 2011 u 2012 huwa iktar diffiċli li tqabbel il-valutazzjoni annwali ma' dik pluriennali minħabba li hemm kategoriji ta' valutazzjoni differenti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Minn perspettiva annwali, ir-rekord ta' implimentazzjoni huwa inqas sodisfaċenti, minħabba li ma sarx l-istess progress fl-oqsma ta' politika kollha. Imqabbel mas-sena l-oħra, l-Istati Membri l-iktar li għamlu progress kien fir-riforma tas-setturi finanzjarji tagħhom, pereżempju billi tejbu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament tagħhom, billi ffaċilitaw riżoluzzjoni dejjiema ta' self improduttiv u billi tejbu s-superviżjoni bankarja. Sar ukoll progress tajjeb fis-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li saru iktar u iktar diversi u ġeneralment iffukati fuq approċċ iktar imfassal apposta għall-ħtiġijiet individwali. Ir-riċerka u żvilupp hija wkoll appoġġata iktar mill-isforzi tal-gvernijiet biex jiffinanzjaw l-attivitajiet pubbliċi ta' riċerka u żvilupp, mill-profittabiltà miżjuda fis-settur privat u minn kundizzjonijiet ta' finanzjament li qed jitjiebu. Min-naħa l-oħra, il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, it-titjib tal-amministrazzjoni tat-taxxa, l-indirizzar tal-evitar tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni wrew riżultati mħalltin. Ġie wkoll reġistrat progress modest fl-indirizzar tal-isfidi ppreżentati mit-tixjiħ tal-popolazzjoni għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Dan il-qasam ta' politika huwa indirizzat f'għadd kbir ta' rakkomandazzjonijiet, iżda l-progress kien limitat. Ir-riformi tal-edukazzjoni, partikolarment dawk maħsuba biex itejbu l-aċċess għal gruppi żvantaġġati u biex itellgħu l-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni, għadhom jirrappreżentaw sfida, għax sa issa sar biss progress limitat fil-maġġoranza tal-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni f'dan il-qasam fl-2017 (ara l-Illustrazzjoni 3 u l-Appendiċi 2).

Illustrazzjoni 3: Oqsma ta' politika li juru l-ogħla u l-inqas livell ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi



Nota: Il-perċentwali jikkorrispondu għas-sehem ta' sottopartijiet b'tal-anqas "xi progress" skont i-qasam ta' politika tul l-Istati Membri b'rakkomandazzjoni f'dak il-qasam ta' politika.

Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi tkompli, iżda f'xi Stati Membri, sorsi differenti ta' żbilanċi baqgħu ma ġewx indirizzati, u tfaċċaw riskji ġodda. Waqt li s-surplus kbir fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro stabbilizza ruħu, il-progress ivarja minn pajjiż għall-ieħor. F'bosta pajjiżi, id-defiċits preċedentement kbar fil-kont kurrenti ġew ikkoreġuti,

filwaqt li s-surpluses persistenti f'oħrajn baqgħu prattikament l-istess f'oħrajn. F'xi pajjiżi, il-livelli ta' dejn privat, pubbliku u estern baqgħu persistentement għoljin. It-tnaqqis fl-ingranaġġ mhux qed isir bl-istess pass kullimkien, u t-tnaqqis iktar rapidu ma jiġix irreġistrat meta d-dejn ikun ogħla. Huwa essenzjali li d-dejn ikompli jinżel biex il-vulnerabbiltajiet jitnaqqsu f'kuntest fejn il-kundizzjonijiet tal-politika monetarja huwa probabbli li jinnormalizzaw gradwalment. Jista' jiġi appoġġat iktar riekwilibriju jekk l-Istati Membri b'defiċit fil-kont kurrenti jew dejn estern għoli kellhom jissalvagwardjaw it-titjib reċenti fil-kompetittività tal-prezzijiet. L-Istati Membri b'surplus kbir għandhom jippromwovu tkabbir iktar rapidu tal-pagi u jsaħħu l-investiment. Għall-pajjiżi kollha, il-miżuri biex tissaħħaħ il-produttività huma essenzjali biex jiġi promoss it-tkabbir fit-tul u jiġu appoġġati d-dinamiċi tal-pagi reali, li f'bosta pajjiżi u setturi għadhom baxxi, avolja l-qagħad qed jonqos u hemm ftit postijiet tax-xogħol battala. Żviluppi iktar dinamiċi fil-pagi, meta jissarrfu f'domanda domestika ikbar, jappoġġaw iktar l-espansjoni ekonomika li għaddejja. F'għadd li qed jikber ta' Stati Membri, l-isfidi marbutin ma' movimenti tal-prezzijiet b'saħħithom jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib, minħabba li ħafna mil-lakuni ta' sottovalutazzjoni qed jingħalqu. Dan jipponta lejn sfidi ekonomiċi u finanzjarji speċifiċi għall-pajjiżi li huma ta' importanza partikolari biex iż-żona euro taħdem sew, minħabba l-irbit ekonomiku u finanzjarju b'saħħtu bejn il-membri tal-unjoni monetarja.

Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi maħruġa lill-11-il Stat Membru bi żbilanċi identifikati se jikkontribwixxu biex dawn l-iżbilanċi jitnaqqsu. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi li qed jitjiebu kienu riflessi fil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kategorizzazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku ([7]). Abbażi ta' analiżi fil-fond ta' 12-il Stat Membru, il-Kummissjoni identifikat żbilanċi fi 11 minnhom. Hija kkonkludiet li s-Slovenja ma għadhiex qed tesperjenza żbilanċi u li l-iżbilanċi tal-Bulgarija, ta' Franza u tal-Portugall ma għadhomx eċċessivi. Kollox ma' kollox, bħalissa hemm tmien pajjiżi li ġew identifikati li qed jesperjenzaw żbilanċi (il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Portugall, in-Netherlands, u l-Iżvezja) u tliet pajjiżi li qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi (il-Kroazja, Ċipru, u l-Italja). Bħal fi snin preċedenti, se jsir monitoraġġ speċifiku taħt il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku għal kull pajjiż li ġie identifikat li kellu żbilanċ jew żbilanċ eċċessiv, u l-fond ta' dan il-proċess ta' monitoraġġ jirrifletti l-ambitu tal-isfidi u l-gravità tal-iżbilanċi([8]).

Ir-Rapport dwar il-Konverġenza ([9]) tal-2018 juri li fadal iktar progress xi jsir biex Stati Membri li għandhom derego jkunu f'qagħda li jadottaw l-euro. L-euro, użat ta' kuljum minn madwar 342 miljun ruħ fi 19-il Stat Membru, huwa intiż li jkun il-munita unika tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. L-Istati Membri kollha, ħlief id-Danimarka u r-Renju Unit, huma meħtieġa li jadottaw l-euro, ladarba jkunu laħqu grad għoli ta' konverġenza sostenibbli. L-adeżjoni maż-żona tal-euro hija proċess miftuħ u bbażat fuq ir-regoli, irregolata mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mill-Protokoll Nru 13 dwar il-kriterji ta' konverġenza. Ir-Rapport biennali dwar il-Konverġenza ta' din is-sena jkopri s-seba' Stati

---

[7] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Eworpew u lill-Grupp tal-Euro: Is-Semestru Ewropew 2018: Valutazzjoni tal-progress tar-riformi strutturali, tal-prevenzjoni u tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tal-analiżijiet fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, COM(2018) 120 final.

[8] Għall-Bulgarija u l-Portugall, fis-7 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni speċifikament iddeċidiet li l-impenji ta' politika u l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi se jiġu mmonitorjati mill-qrib għax fadal bżonn ta' aktar sforzi biex tinkiseb korrezzjoni sostenibbli.

[9] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport dwar il-konverġenza 2018 COM(2018) 370 final.

Membri li huma legalment impenjati li jadottaw l-euro: il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, u l-Iżvezja. Dan jeżamina l-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-progress ta' dawn l-Istati Membri biex jilħqu grad għoli ta' konverġenza ekonomika sostenibbli billi jħares lejn il-kriterji ta' konverġenza (l-istabbiltà fil-prezzijiet, il-finanzi pubbliċi, l-istabbiltà tar-rata tal-kambju, u r-rati tal-imgħax fit-tul). Ir-Rapport iqis ukoll fatturi oħrajn imsemmija fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li huma rilevanti biex tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tal-konverġenza.

Ir-Rapport jikkonkludi li bħalissa, l-ebda wieħed mill-pajjiżi eżaminati ma jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha biex jadotta l-euro. Is-seba' Stati Membri kollha jilħqu l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi, u l-Bulgarija għandha l-aħjar prestazzjoni bil-kif, bid-dejn pubbliku tagħha taħt 30 % tal-PDG. Il-pajjiżi kollha, ħlief ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Rumanija jilħqu l-kriterju tal-istabbiltà fil-prezzijiet, u l-Bulgarija kellha r-rata tal-inflazzjoni medja tagħha ta' 1,4 % biss. Bl-istess mod, l-Istati Membri kollha eżaminati, ħlief il-Polonja u r-Rumanija, jilħqu l-kriterju dwar ir-rati tal-imgħax fit-tul. Min-naħa l-oħra, l-ebda pajjiż ma jissodisfa l-kriterju tar-rata tal-kambju, minħabba li l-ebda wieħed minnhom ma daħal fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju Ewropew (ERM) II. Il-munita Bulgara, il-lev, ilha marbuta mal-euro mill-1999. Għadaqstant, l-ekonomija Bulgarja hija mdorrija topera mingħajr rata tal-kambju flessibbli — li hija simili għal dak li teħtieġ is-sħubija fl-ERMII. L-analiżi ta' fatturi oħrajn turi li filwaqt li l-pajjiżi huma ġeneralment integrati sew ekonomikament u finanzjarjament fl-UE, xi wħud minnhom xorta jesperjenzaw vulnerabbiltajiet makroekonomiċi u/jew iħabbtu wiċċhom ma' sfidi relatati mal-ambjent tan-negozju u l-qafas istituzzjonali tagħhom, li jistgħu ikunu ta' riskju għas-sostenibbiltà tal-proċess ta' konverġenza. Il-kompatibbiltà legali sħiħa nkisbet minn pajjiż wieħed biss, il-Kroazja. Għas-sħubija fiż-żona euro hija essenzjali tħejjija bir-reqqa u l-Kummisjoni hija disposta li tgħin lill-Istati Membri fi triqithom biex jingħaqdu mal-euro. Bħala parti mill-proposti taħgha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li ġej, il-Kummissjoni daqt se tipproponi programm iddedikat biex jappoġġa tali sforzi ta' konverġenza.

3. Objettivi ewlenin tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

L-għan kumplessiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li jħeġġu lill-Istati Membri jużaw il-momentum ekonomiku favorevoli li hemm bħalissa biex ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tal-ekonomiji tagħhom. Minħabba l-kundizzjonijiet ċikliċi pożittivi, l-Istati Membri kollha għandhom jagħtu prijorità lil riformi li jżidu l-potenzjal tat-tkabbir tagħhom u li jagħmluh iktar inklużiv, li jtejbu l-ambjent istituzzjonali u tan-negozju, li jneħħu l-effetti lembut li jostakolaw l-investiment, li jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi, li jappoġġaw il-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità, li jnaqqsu l-inugwaljanzi, li jindirizzaw l-isfidi marbutin mal-ħiliet, li jiżguraw kura tas-saħħa effettiva, reżiljenti u aċċessibbli u li jtejbu x-xbieki ta' sikurezza soċjali.

Il-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u s-settur finanzjarju

Meta nħarsu lura naraw li l-flessibbiltà taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, identifikata mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Kunsill, ippermettiet li nilħqu l-bilanċ ġust bejn li niżguraw ir-responsabbiltà fiskali u li nappoġġaw it-tkabbir fit-terminu qasir u medju. Il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti mindu ġiet introdotta fl-2015 ([10]). L-ewwel nett, il-modulazzjoni tal-aġġustament fiskali meħtieġ għenet

[10] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar ir-rieżami tal-flessibbiltà taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, COM(2018) 335 final.

biex tippreserva l-irkupru meta kien l-iktar fraġli, filwaqt li appoġġat il-kisba ta' pożizzjoni soda fl-estimi u l-promozzjoni tat-tnaqqis tad-dejn b'pass sodisfaċenti, minkejja li l-bini ta' bafers fiskali għadu prijorità għal xi Stati Membri. It-tieni, l-użu tal-flessibbiltà biex trawwem riformi strutturali u l-investiment pubbliku jidher li kien xieraq u ekonomikament ġustifikat għal dawk l-Istati Membri li fil-fatt ibbenefikaw minnha. Fl-istess waqt, l-impatt sħiħ tar-riformi u l-investiment fuq it-tkabbir jista' biss jiġi vvalutat fuq it-terminu medju.

Issa li l-kundizzjonijiet ekonomiċi qed jitjiebu b'pass stabbli, wasal iż-żmien li nibnu mill-ġdid il-buffers fiskali f'pajjiżi li għandhom dejn għoli u li nużaw l-ispazju fiskali f'pajjiżi li għandhom surplus biex l-ekonomiji tagħhom isiru iktar reżiljenti u biex jiġi appoġġat it-tkabbir. Huwa mistenni li l-finanzi pubbliċi fl-Unjoni se jkomplu jitjiebu. Id-defiċit tal-gvern ġenerali, billi bbenefika mill-espansjoni ekonomika li qed tiżdied, fl-2017 naqas għal 1,0% tal-PDG fl-Unjoni Ewropea, u huwa mistenni li jkompli jinżel. Bl-istess mod, id-dejn tal-gvern ġenerali niżel għal 83,1 % tal-PDG fl-Unjoni Ewropea u huwa mistenni li jkompli t-triq stabbli għan-niżla. Il-pożizzjoni fiskali kienet fil-biċċa l-kbira newtrali fl-2017 u għandha tibqa' hekk fl-2018. Jekk ma jibdlux il-politiki tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi –, inklużi bosta li għandhom dejn pubbliku għoli – huma previsti li jespandu jew inaqqsu marġinalment biss id-defiċit strutturali tagħhom fl-2019 u għaldaqstant jibqgħu esposti għal xokkijiet possibbli futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi jistabbilixxu sforz ta' aġġustament fiskali konsistenti mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għall-Istati Membri li għadhom ma laħqux l-objettiv baġitarju ta' terminu medju tagħhom. Madankollu, huwa rrakkomandat li Stati Membri li għandhom ambitu adegwat jużaw politiki fiskali u strutturali skont ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex jappoġġaw it-tkabbir biex jiffaċilitaw ir-riekwilibriju ekonomiku tagħhom u jħallu effetti esterni lil Stati Membri oħrajn li ma jkunux negliġibbli. It-taħlita ta' politiki fiskali fost l-Istati Membri li tirriżulta tagħmel il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-żona tal-euro fl-2019 newtrali fil-biċċa l-kbira, li tilħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn li tinkiseb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u s-salvagwardja tal-espansjoni ekonomika u ż-żieda fir-ritmu tal-impjiegi li għaddejjin bħalissa.

Tul is-snin, l-Istati Membri għamlu titjib konsiderevoli fl-oqfsa fiskali tagħhom, u dan issa qed iħalli l-frott f'termini tal-kontribuzzjoni li dan ta lill-perspettiva baġitarja mtejba. Ir-riformi jridu jkomplu f'xi Stati Membri biex jitgawdew il-benefiċċji ta' oqfsa fiskali domestiċi b'saħħithom u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollettivament jagħtu sehemhom fil-prudenza fiskali fil-livell tal-Unjoni. Filwaqt li qed jiġi rrakkomandat li l-Kroazja u r-Rumanija jdaħħlu fis-seħħ jew jimplimentaw riformi wisgħin fil-qafas fiskali tagħhom, il-Belġju u l-Polonja jeħtieġu titjib iffukat, bħall-koordinazzjoni matul il-livelli tal-gvern, it-titjib tal-proċeduri tal-baġit jew il-monitoraġġ indipendenti.

Biex jiġi żgurat li jkun hemm finanzi pubbliċi disponibbli għal proġetti ta' investiment ta' terminu medju sa terminu twil, hemm bżonn li tingħata attenzjoni mill-qrib lejn il-kompożizzjoni tagħhom. L-allokazzjoni xierqa tad-dħul u l-infiq pubbliku tul bosta oqsma ta' politika tirriżulta f'taħlita li hija iktar konduċenti għat-tkabbir. Hemm bżonn ukoll iktar sforzi biex it-tassazzjoni u l-infiq isiru iktar effiċjenti u effettivi fil-livelli kollha tal-gvern. Analiżijiet tal-infiq implimentati bir-reqqa huma għodda utli biex tittejjeb l-allokazzjoni ta' flus il-kontribwenti. Konformi mar-rakkomandazzjonijiet ta' din is-sena, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija għandhom jieħdu azzjoni f'dan il-qasam.

L-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq il-baġits nazzjonali jiġġustifika riformi tas-sistemi tal-pensjoni, tal-kura tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa. Dawn huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi kif ukoll sigurtà soċjali u kura tas-saħħa adegwati u aċċessibbli. L-esperjenza wriet li dan il-qasam huwa wieħed mill-iktar li joffri sfida biex tirriformah, u huwa għalhekk li r-riformi hemm bżonn jiġu leġiżlati minnufih iżda

implimentati gradwalment, sabiex il-gruppi affettwati jkollhom l-opportunità li jadattaw irwieħhom. Madankollu, bosta Stati Membri ħadu passi biex jirriformaw is-sistemi tal-pensjonijiet u tas-saħħa tagħhom, u hemm bżonn l-awdaċità biex dawk ir-riformi jinżammu. Il-Kummissjoni tirrakkomanda riformi ulterjuri f'dawn l-oqsma għal għadd ta' Stati Membri, pereżempju r-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, l-Ungerija jew il-Litwanja.

Hemm bżonn iktar sforzi biex jiġu indirizzati l-livelli għoljin ta' taxxi fuq ix-xogħol filwaqt li jiġi salvagwardjat id-dħul neċessarju għall-politiki pubbliċi, biex jiżdiedu l-inċentivi għax-xogħol u jiġi appoġġat il-ħolqien tax-xogħol għal gruppi iktar vulnerabbli tal-popolazzjoni. Bosta Stati Membri komplew l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, b'enfasi partikolari fuq dawk bi dħul baxx, u hemm sforzi ulterjuri rrakkomandati din is-sena lill-Awstrija, lill-Ġermanja, lill-Italja u lil-Latvja. Madankollu, ir-riformi tat-taxxa jridu jipproteġu d-dħul għall-protezzjoni soċjali u l-investiment adegwati. F'dan il-kuntest, inħarġu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex titwessa' l-bażi għat-taxxa lill-Kroazja, lill-Italja u lil-Litwanja, pereżempju billi tiddaħħal taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà fil-Kroazja.

It-titjib tar-regoli u l-amministrazzjoni tat-taxxa huwa essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi fiskali tal-istati Membri u biex ikun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ambjent tan-negozju pożittiv għall-kumpaniji. Sistema fiskali stabbli, sempliċi u kosteffikaċi tista' ttejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa u tikkontribwixxi għal klima tal-investiment pożittiva. Għaldaqstant qed jiġu proposti rakkomandazzjonijiet biex tiġi ssimplifikata s-sistema fiskali fi Franza u l-Ungerija, biex tiżdied l-effiċjenza tagħha fil-Ġermanja, u biex tittejjeb l-amministrazzjoni u l-konformità fiskali fil-Bulgarija, fil-Litwanja u fir-Rumanija. Kif indikat fir-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro tal-2018, il-ġlieda kontra strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa minn xi kontribwenti hija essenzjali biex timpedixxi d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji, jingħata trattament xieraq tal-kontribwenti, u jiġu salvagwardjati l-finanzi pubbliċi, u b'hekk jgħinu biex tiġi ppreservata l-koeżjoni soċjali u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi. Ir-riperkussjonijiet tal-istrateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa bejn l-Istati Membri jirrikjedu li jkun hemm azzjoni kkoordinata tal-politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-Istati Membri interaġixxew fil-livell Ewropew biex isaħħu t-trasparenza fiskali u jaqblu fuq livell minimu ta' ħarsien kontra l-abbuż. Ħadu wkoll passi fil-livell nazzjonali, pereżempju billi jemendaw jew jirrevokaw is-sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi li kienet tiffaċilita ppjanar aggressiv tat-taxxa, jew billi jibdlu r-regoli tagħhom dwar ir-residenza fiskali. Minkejja dan il-progress, rieżami bir-reqqa tar-regoli fiskali u l-indikaturi ekonomiċi relevanti juri li s-sistema fiskali ta' għadd ta' Stati Membri għadha qed tiġi sfruttata minn kumpaniji multinazzjonali li jieħdu sehem fi ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Tul l-aħħar sar progress biex jissaħħaħ is-settur finanzjarju f'għadd ta' Stati Membri, u l-istokk ta' self improduttiv u flussi tiegħu. Saru wkoll passi biex jittejjeb il-qafas tal-insolvenza, biex jissaħħaħ il-qafas superviżorju u biex jitnaqqas is-self improduttiv, inkluż permezz ta' kumpaniji maniġerjali tal-assi. Hemm azzjonijiet ulterjuri li qed jiġu rrakkomandati lill-Bulgarija, lil Ċipru u lil Malta biex tissaħħaħ is-superviżjoni tas-settur finanzjarju f'dawk is-segmenti fejn l-awtoritajiet nazzjonali għad għandhom kompetenza. Hemm għadd ta' Stati Membri li għadhom qed jiġu affettwati minn ishma kbar ta' self improduttiv. F'dan ir-rigward hemm rakkkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Bulgarija, lil Ċipru, lill-Irlanda, lill-Italja u lil Malta.

L-iżviluppi fis-suq tad-djar jista' jkollu impat destabbilizzanti fuq is-settur finanzjarju, li jkun jeħtieġ li ssir azzjoni f'xi Stati Membri. Ġeneralment, id-djar huma l-assi ewlieni li jkollhom l-unitajiet domestiċi, u l-proprjetà immobbli tintuża bħala kollateral għas-self bħala kwistjoni ta' rutina mill-kumpaniji. Il-prevenzjoni ta' perjodi ta' prosperità kbira segwiti minn depressjoni kbira għaldaqstant iżid ir-reżiljenza tal-ekonomiji għal xokkijiet potenzjali, partikolarment jekk ikun hemm korrezzjoni fil-prezzijiet tad-djar. Għaldaqstant, qed jiġi

rrakkomandat li l-Irlanda, ir-Renju Unit, in-Netherlands u l-Iżvezja jnqassu l-effetti lembut għall-provvista tad-djar. It-tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn, li tinħoloq partikolarment mis-sistema fiskali, bħad-deduċibbiltà tal-imgħax ipotekarju, jikkontribwixxi biex titnaqqas il-pożizzjoni ta' dejn għolja tal-unitajiet domestiċi fl-Iżvezja.

Kaxxa 1. Aġġornament dwar is-sorveljanza taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2018, il-Kummissjoni ħadet ukoll għadd ta' passi taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tingħalaq għal Franza. Dan iħalli biss lil Spanja, li għandha skadenza sal-2018 biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha, taħt il-parti korrettiva tal-Patt.

Il-Kummissjoni adottat rapporti għall-Belġju u l-Italja skont l-Artikolu 126(3) TFUE, li fihom eżaminat il-konformità tagħhom mal-kriterju tad-dejn tat-Trattat. Għall-Italja, il-konklużjoni kienet li għandu jiġi meqjus li bħalissa hemm konformità mal-kriterju tad-dejn. Għall-Belġju ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex jiġi konkluż li l-kriterju tad-dejn kienx qed jiġi segwit jew le. Madankollu, fiż-żewġ pajjiżi l-aġġustament fiskali fl-2018 bħalissa jidher li huwa inadegwat. Il-Kummissjoni se tirrivaluta l-konformità abbażi tad-data *ex-post* għall-2018, li se tiġi notifikata fir-rebbiegħa tal-2019.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda wkoll lill-Kunsill biex jiddeċiedi li r-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'risposta għar-Rakkomandazzjoni ta' Diċembru 2017 taħt il-proċedura ta' devjazzjoni sinifikanti. Din tal-aħħar infetħet f'Ġunju tal-2017 wara li d-devjazzjoni sinifikanti osservata fl-2016. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tindirizza twissija lill-Ungerija u lir-Rumanija dwar l-eżistenza ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2017. Din hija t-tieni twissija indirizzata lir-Rumanija. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill li jadotta rakkomandazzjoni għall-Ungerija u għar-Rumanija biex jirrispondu kif xieraq biex jikkoreġu din id-devjazzjoni sinifikanti. Il-proċedura ta' devjazzjoni sinifikanti tagħti opportunità lill-awtoritajiet biex jieħdu azzjoni korrettiva biex jevitaw li tifnetaħ proċedura ta' defiċit eċċessiv.

Is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali

Filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qed jitjiebu ġeneralment, hemm bżonn ta' iktar sforzi biex jiġi żgurat li kulħadd igawdi mill-irkupru u biex titjieb is-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Fadal lakuni kbar fir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi differenti mill-popolazzjoni. Dan huwa l-każ partikolarment fost in-nies li m'għandhomx ħafna ħiliet, żgħażagħ jew anzjani, nies ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni, jew nies b'diżabilità. Qed jiġi rrakkomandat li l-Awstrija, il-Belġju u Franza jadottaw miżuri biex itejbu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' nies li ġejjin mill-migrazzjoni. Jenħtieġ li l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Italja u l-Polonja jindirizzaw id-disparità bejn is-sessi f'dak li għandu x'jaqsam mar-rata ta' impjieg u l-livelli tal-pagi, li ta' spiss jinħoloq min-nuqqas ta' servizzi ta' indukrar adegwati, opportunitajiet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jew diżinċentivi mnaqqxin fis-sistemi ta' taxxa u benefiċċji. Fi Spanja, fin-Netherlands, fil-Polonja u fil-Portugall, jinħtieġ li tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'miżuri bħall-promozzjoni ta' tranżizzjonijiet lejn kuntratti indefiniti, billi jiġu indirizzati l-inċentivi biex min iħaddem iqabbad impjegati temporanji, u billi jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema taħt dawk l-arranġamenti.

Fid-dawl tat-tibdil teknoloġiku u l-isfidi demografiċi, huwa essenzjali iktar investiment fil-ħiliet biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni u t-tkabbir tal-produttività. It-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-kompetenzi huma essenzjali biex is-swieq tax-xogħol isiru iktar dinamiċi u inklużivi, sabiex kulħadd jista' jkollu sehem sħiħ fis-soċjetà jew fl-intraprenditorija. It-tranżizzjonijiet minn opportunitajiet ta' xogħol li jirrekjedu ftit ħiliet għal dawk li jirrekjedu iktar hemm bżonn li jiġu appoġġati, u huwa rrakkomandat li tittieħed azzjoni politika riżoluta u jsir investiment adegwat fl-Irlanda, fil-Latvja, fis-Slovakkja u fir-Renju Unit. Il-Belġju huwa rrakomandat li jżid il-proporzjon ta' gradwati fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

L-isforzi għandhom ukoll ikunu ffukati fuq it-titjib tal-kwalità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u biex jiġi żgurat l-aċċess ugwali, inkluż għal gruppi żvantaġġati bħar-Rom, nies ġejjin minn sfond ta' migrazzjoni, u nies b'diżabilità. L-inugwaljanza edukattiva, u t-trażmissjoni tagħha minn ġenerazzjoni għall-oħra, hija theddida għall-koeżjoni soċjali u l-prosperità fit-tul tas-soċjetajiet Ewropej. Għaldaqstant ir-rakkomandazzjonijiet ta' din is-sena jiffukaw fuq il-kwalità u l-kisbiet fil-ħiliet bażiċi fl-Awstrija, fuq it-tnaqqis ta' tluq bikri mill-iskola fi Spanja, fuq it-titjib tal-qagħda tal-għalliema fir-Repubblika Ċeka, fuq iż-żieda tar-rilevanza tal-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol fil-Kroazja, fil-Latvja jew fil-Litwanja, fit-titjib tat-tagħlim għall-adulti fil-Polonja, fil-Litwanja, fis-Slovenja u fil-Portugall, u fuq it-taħriġ vokazzjonali f'Ċipru, fi Franza u fl-Italja. Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet lill-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lill-Ungerija, lir-Rumanija u lis-Slovakkja biex itejbu l-aċċess għal edukazzjoni prinċipali ta' kwalità u inklużiva għal gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari għar-Rom.

Issa li l-impjiegi qed jirkupraw, is-sitwazzjoni soċjali qed titjieb fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, kif turi t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, ġew identifikati żviluppi soċjo-ekonomiċi kritiċi bħall-inugwaljanza kbira fl-introjtu u l-faqar fost dawk li jaħdmu, l-impatt baxx ta' trasferimenti soċjali jew aċċess limitat għas-servizzi soċjali f'għadd ta' Stati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ta' din is-sena jagħtu attenzjoni partikolari għall-inklużività u l-effettività tal-iskemi ta' protezzjoni soċjali, pereżempju fi Spanja, fl-Ungerija, fil-Kroazja, fl-Estonja, fil-Litwanja u fil-Latvja.

Is-sistemi tas-saħħa hemm bżonn li jiġu riformati biex jiġi paċut l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u jitjieb l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Bosta Stati Membri reċentement għamlu għadd ta' riformi tas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom biex iżidu l-kosteffettività, is-sostenibilita' finanzjarja, ir-reżiljenza, l-affordabilità u l-aċċessibbiltà, u biex itejbu l-istatus

tas-saħħa tal-popli tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet għaldaqstant iħeġġu lill-Istati Membri biex jimplimentaw riformi reċentement adottati jew li daqt se jiġu maqbula għal kosteffettività u aċċessibbiltà aħjar f'Ċipru, fil-Finlandja, fil-Litwanja u fis-Slovenja, biex jieħdu azzjoni deċiżiva biex jiġi żgurat baġitjar adegwat u effiċjenti fil-Portugall, biex tiżdied is-sostenibbiltà fiskali u l-kosteffettività f'Malta, fl-Awstrija u fl-Irlanda, biex tissaħħaħ il-kura primarja u tal-pazjenti ta' barra fil-Latvja, fil-Litwanja u fir-Rumanija, biex isir investiment fil-prevenzjoni tal-mard fil-Litwanja, biex tittejjeb is-sitwazzjoni rigward il-forza tax-xogħol tas-saħħa fil-Bulgarija u fis-Slovakkja, u biex jitnaqqas il-ħlas mill-but fil-Bulgarija u fil-Latvja.

Il-kontribuzzjoni tad-djalogu soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika huwa importanti biex tissaħħaħ is-sjieda konġunta tar-riformi u biex jiġi żgurat li dawn jirnexxu, ikunu sostenibbli u inklużivi. Mindu ġew adottati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2017, xi Stati Membri ħadu azzjoni biex iżidu l-opportunitajiet għal djalogu strutturat u s-sehem ta' organizzazzjonijiet tal-impjegaturi tat-trade unions. F'każi oħra tali qafas ma jeżistix jew jaqdi biss rwol marġinali. Filwaqt li ma hemmx mudell wieħed li jservi ta' referenza, hemm lok għal iktar djalogu soċjali u involviment ikbar tal-imsieħba soċjali fit-tfassil tal-politika fl-Ungerija u fir-Rumanija.

Politiki settorjali biex jitrawwem l-investiment u t-tkabbir tal-produttività

Il-progress tajjeb biex jingħelbu l-effetti tal-kriżi ppermetta li tingħata iktar attenzjoni fuq l-isfidi sottostanti għall-produttività. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-imgħoddi diġà rċevew rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'oqsma relatati mat-tkabbir tal-produttività, issa wasal il-waqt biex isir progress iktar sostanzjali biex dawn ir-riformi jiġu avvanzati. L-investimenti fl-infrastruttura u fir-riċerka u żvilupp huma essenzjali f'dan ir-rigward. Biex jiġi żgurat li l-investiment fl-innovazzjoni jiġi dirett lejn l-oqsma l-iktar produttivi hemm bżonn ta' bosta passi: hemm bżonn li jitneħħew l-ostakli regolatorji, l-ambjent tan-negozju hemm bżonn li jittejjeb u li l-intraprenditorija tiġi appoġġata. Għalhekk, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma iktar immirati lejn il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru biex jitrawwem l-investiment u biex tingħata ħajja ġdida lit-tkabbir fil-produttività.

L-innovazzjoni u l-investiment fir-riċerka u żvilupp u l-politiki ta' diġitalizzazzjoni se jkollhom impatt pożittiv u dejjiemi fuq il-produttività, iżda l-prijoritajiet ivarjaw sew bejn l-Istati Membri. Il-livell tad-diġitalizzazzjoni jvarja konsiderevolment bejn il-pajjiżi f'termini ta' infrastruttura jew id-disponibbiltà tal-ħiliet diġitali u saħansitra l-Istati Membri bi prestazzjoni ġenerali għolja jistgħu juru differenzi interni sinifikanti bejn ir-reġjuni. It-tisħiħ tar-riċerka u żvilupp pubbliċi jew privati f'termini ta' investiment jew effettività permezz ta' mmirar aħjar huwa rrakkomandat għall-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja u s-Slovakkja. Jinħtieġ li fi Franza, fl-Irlanda, fil-Litwanja u fil-Polonja tiġi promossa kollaborazzjoni iktar mill-qrib bejn id-dinja tan-negozju u l-istituzzjonijiet ta' riċerka.

L-investiment sostnut fl-infrastruttura huwa neċessarju biex jitjieb l-ambjent tan-negozju u biex tingħata spinta lill-potenzjal għat-tkabbir. L-infrastruttura ta' netwerk tajba tnaqqas l-ispiża li tibda jew topera negozju, u l-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni huma essenzjali biex jiġi kapitalizzat il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku. Il-kriżi wasslet għal inqas investiment fl-infrastruttura, partikolarment fl-Istati Membri l-iktar affettwati. F'dawn il-każi, l-investiment kien partikolarment baxx fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u diġitali li għandu effetti esterni negattivi sinifikanti għas-soċjetà u l-ambjent. Dawn is-setturi għadhom jeħtieġu żidiet sinifikanti fl-investiment, inkluż f'dawk l-Istati Membri li marru tajjeb tul il-kriżi. F'għadd ta' pajjiżi, l-infrastrutturi tal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma wkoll jeħtieġu investimenti ulterjuri biex tiġi żgurata l-modernizzazzjoni tagħhom u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn ekonomija iktar ċirkolari. Huma proposti

rakkomandazzjonijiet dwar l-infrastruttura għall-Belġju, għar-Repubblika Ċeka, għall-Ġermanja, għall-Irlanda u għar-Rumanija.

Riformi biex jinħolqu swieq kompetittivi u dinamiċi jiftħu opportunitajiet ġodda ta' tkabbir li l-kumpaniji jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ minnhom fi żminijiet ekonomiċi tajbin. Riformi li jiffaċilitaw il-ftuħ tas-suq, id-dħul fis-suq, it-tkabbir tal-kumpaniji, ir-ristrutturar jew it-tluq mis-suq ta' kumpaniji ineffiċjenti, u l-ħolqien ta' mudelli ta' negozju ġodda jistimulaw il-produttività u jibbenefikaw liċ-ċittadini u lill-ekonomija usa'. Ir-regolamentazzjoni restrittiva fis-settur tas-servizzi żżid sinifikantement il-kostijiet għal konsumaturi kbar tas-servizzi, bħall-industrija tal-manifattura. B'mod partikolari, ir-riformi fis-servizzi kummerċjali, li jirrappreżentaw kontribuzzjoni li kulma jmur qed issir iktar importanti għal industriji oħrajn, se jirriżultaw fi tkabbir tal-produttività billi jnaqqsu l-kostijiet u jżidu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kontribuzzjonijiet ta' servizzi offruti. Rakkomandazzjonijiet dwar ir-riforma regolatorja, partikolarment fis-servizzi, huma indirizzati lejn l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, il-Ġermanja, l-Italja, Franza, l-Ungerija, il-Lussemburgu u s-Slovenja.

L-amministrazzjoni pubblika u l-ambjent tan-negozju

L-ambjent tan-negozju tjieb bis-saħħa tax-xejra pożittiva b'saħħitha iżda wkoll bis-saħħa ta' riformi strutturali. Jenħtieġ li fil-ġejjieni jkomplu sforzi f'dik id-direzzjoni, inkluż f'dawk il-pajjiżi b'pożizzjoni relattivament aħjar sabiex iżommu l-vantaġġ tagħhom fil-livell globali. Rakkomandazzjonijiet biex jittejbu bosta aspetti tal-effiċjenza u l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika din is-sena nħarġu għal Ċipru, għall-Kroazja u għall-Italja. Il-governanza u l-prestazzjoni ekonomika ta' intrapriżi tal-istat għadhom kwistjoni f'bosta Stati Membri u ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet marbutin ma' dan lill-Bulgarija, lil Ċipru, lill-Kroazja, lill-Italja, lill-Portugall u lir-Rumanija.

F'għadd ta' Stati Membri huma meħtieġa iktar sforzi biex jiġu żgurati l-indipendenza u l-effettività tas-sistema tal-ġustizzja, biex jittejjeb l-akkwist pubbliku u biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni. Li dawn l-isfidi jiġu indirizzati huwa essenzjali biex titjieb il-kunfidenza tan-negozju u l-klima tal-investiment, u biex jiġi żgurat is-suċċess ta' riformi strutturali oħrajn. Ittieħdu miżuri biex jittejjeb il-funzjonament tal-akkwist pubbliku f'bosta pajjiżi, inkluża l-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku. Madankollu, il-kompetizzjoni, l-aggregazzjoni tat-trasparenza u l-professjonalizzazzjoni fl-akkwist pubbliku għadhom oqsma li fihom jista' jsir titjib, u l-potenzjal għall-akkwist pubbliku strateġiku għadu prattikament ma ntmessx. Ir-Repubblika Ċeka, Spanja, l-Ungerija, ir-Rumanija is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom rakkomandazzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku indirizzati lilhom. Minkejja li xi Stati Membri adottaw miżuri ġodda kontra l-korruzzjoni, il-korruzzjoni għadha problema akuta f'bosta Stati Membri, u tħalli impatt negattiv fuq il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku u l-ambjent tan-negozju. F'bosta każi, hemm ħtieġa li tiġi msaħħa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni u tittejjeb il-prevenzjoni. Il-protezzjoni tal-informaturi, il-leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar, id-divulgazzjoni tal-assi u l-interessi u l-verifiki, l-għoti ta' biżżejjed riżorsi lil korpi kontra l-korruzzjoni, kif ukoll it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni wkoll huma oqsma li jeħtieġu titjib ulterjuri. Għadd ta' Stati Membri rċevew rakkomandazzjonijiet li jiffukaw fuq dawn l-aspetti. Il-Kroazja, l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja rċevew rakkomandazzjoni biex itejbu l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja tagħhom.

L-aċċess għal finanzjament tjieb grazzi għar-riformi u r-ritmu ekonomiku tajjeb, iżda r-reżiljenza futura tiddependi fuq li l-kumpanija jingħataw aktar għażliet ta' finanzjament mill-bejgħ ta' ishma. L-aċċess għal finanzjament tjieb konsiderevolment bis-saħħa tar-riħ fil-poppa miċ-ċiklu kummerċjali iżda wkoll bis-saħħa tar-riformi f'għadd ta' pajjiżi. Madankollu dan għadu batut f'xi Stati Membri, partikolarment għal intrapriżi żgħar u

ta' daqs medju. B'mod partikolari, kumpaniji żgħażagħ, innovattivi u li qed jikbru malajr jiddependu fuq il-kapital ta' riskju u l-aċċess għas-swieq kapitali pubbliċi għall-ħtiġijiet tagħhom ta' finanjzament fil-fażijiet ta' tkabbir bikrin u dawk li jiġu iktar tard. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar l-aċċess għal finanzjament huma proposti għal Ċipru, għall-Italja u għall-Portugall.

4. KONKLUŻJONI

Il-klima ekonomika u soċjali mtejba toffri opportunità unika biex l-ekonomiji Ewropej jissaħħu u jsiru iktar reżiljenti. Bit-tkomplija tal-enfasi fuq it-"trijanglu virtwuż" tal-investiment, ta' riformi strutturali, u politiki fiskali responsabbli, is-Semestru Ewropew jgħin lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ sħiħ ta' din l-opportunità. Issa li l-ekonomija qed tespandi, wasal il-waqt li l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom favur reżiljenza makroekonomika ikbar u riformi li jsaħħu t-tkabbir.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill japprova l-approċċ propost għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2018-2019 u d-deċiżjonijiet relatati skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Titlob lill-Istati Membri jimplimentawhom kollha u fil-ħin, fi djalogu mal-imsieħba soċjali u mal-partijiet ikkonċernati relevanti. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li żżomm djalogu miftuħ u inklużiv mal-partijiet ikkonċernati tul il-proċess tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija lesta li tagħti l-għajnuna lill-Istati Membri, jekk huma jitolbuha, permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali. Biex tappoġġa iktar l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' riforma nazzjonali, il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta Programm ta' Sostenn għar-Riforma ġdid bħala parti mill-proposti tagħha għal qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2020. Il-programm se jkollu baġit kumplessiv ta' EUR 25 biljun u se joffri appoġġ finanzjarju u tekniku lill-Istati Membri kollha biex jaħdmu fuq ir-riformi ta' prijorità identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Appendiċi 1: Ħarsa lejn il-kwistjonijiet koperti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2018-2019

Kategorija wiesgħa	Oqsma ta' politika	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK
Finanzi pubbliċi u t-tassazzjoni	Politika fiskali u governanza fiskali	X	X				X		X	X	X	X	X	X	X	X			X		X	X	X	X		X	X	X
	Sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, ink. l-pensjonijiet	X	X			X	X					X	X		X	X	X	X		X	X	X	X			X		
	Tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol	X					X							X		X			X									
	Twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa												X		X	X	X											
	Tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn						X																					
	Titjib amministrazzjoni tat-taxxa, ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa			X			X					X				X	X		X					X				
Settur finanzjarju	Servizzi finanzjarji			X	X										X	X				X			X					
	Is-suq tas-settur tal-abitazzjoni														X						X				X			X
	Aċċess għal finanzjament				X											X							X			X		
	Pożizzjoni ta' dejn privat										X												X		X			
Suq tax-xogħol, edukazzjoni u politiki soċjali	Leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjiegi u qafas għall-kuntratti tax-xogħol									X											X	X	X					
	Benefiċċji tal-qgħad													X														
	Politiki attivi tas-suq tax-xogħol		X	X	X	X				X	X		X	X		X										X	X	
	Inċentivi għax-xogħol, ħolqien tax-xogħol, parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	X	X			X	X		X		X	X	X			X		X				X						
	Pagi u ffissar tal-pagi						X		X			X	X								X			X				
	Kura tat-tfal														X	X											X	
	Kura tas-saħħa u fit-tul	X	X	X	X						X				X		X		X	X			X	X		X	X	
	Tnaqqis tal-faqar u inklużjoni soċjali	X	X	X					X	X		X	X	X			X		X					X		X	X	
	Edukazzjoni		X	X	X	X	X			X		X	X	X		X	X						X	X			X	
	Ħiliet u tagħlim tul il-ħajja	X		X	X		X			X		X			X	X	X		X			X	X	X		X	X	X
Politiki strutturali	Riċerka u innovazzjoni					X	X		X	X		X			X	X	X				X	X					X	
	Kompetizzjoni u qafas regolatorju									X				X									X					
	Kompetizzjoni fis-servizzi	X	X				X	X				X	X	X		X		X										
	Servizzi ta' telekomunikazzjoni, postali, u servizzi lokali pubbliċi						X																					
	Enerġija, riżorsi u tibdil fil-klima														X									X				
	Trasport		X												X									X				
Amministrazzjoni pubblika u ambjent tan-negozju	Ambjent tan-negozju	X	X			X				X		X	X	X	X	X		X				X		X		X		
	Qafas tal-insolvenza			X	X														X				X					
	Amministrazzjoni pubblika				X	X				X			X			X			X				X	X		X	X	
	Intrapriżi tal-istat			X	X								X			X			X				X	X		X		
	Ġustizzja ċivili				X								X			X							X				X	
	Ekonomija klandestina u l-korruzzjoni			X		X								X		X			X	X				X			X	

APPENDIĊI 2: VALUTAZZJONI TAL-PROGRESS TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI TAL-2017 SKONT IL-QASAM TA' POLITIKA



** Il-valutazzjoni kumplessiva tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (RSP) relatata mal-politika fiskali tinkludi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*

*** Il-valutazzjoni pluriennali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tħares lejn l-implimentazzjoni sal-Komunikazzjoni Chapeau ta' Mejju 2018 mindu l-ewwel li ġew adottati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi*